MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 25/2011

**AB**
**vs**
**Dr Henry Antonich u il-Prokuratur Legali Pauline Mallia li b'digriet tal-5 ta' April, 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi il-fatti hawn taht dikjarati tafhom hi personalment;
2. Illi hija zzewget lill-intimat fir-Registru Pubbliku fid-29 ta' Mejju 1999 (kopja tac-certifikat anness Dok B)
3. Illi l-intimat izzeweg lir-rikorrenti mhux ghax verament hekk ried jaghmel, izda sempliciment sabiex jkun jista jakkwista ic-cittaddinanza Maltija, kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, tant li huwa kien

hallasha is-somma ta’ LM1000 (elf lira Maltin) sabiex l-esponenti tizzewgu;
4. Illi precizament wara li zzewgu il-partijiet telqu ghal rashom u qatt ma regghu iltaqghu, u z-zwieg qatt ma gie ikkunsmat;
5. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn l-kontendenti fid-29 ta’ Mejju 1999, huwa null u bla effett peress illi il-kunsens tal-partijet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga;
6. Illi ghalhekk wkoll iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett stante li il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi element wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Talbet in vista tal-premess li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara :

1. Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti celebrat fid-29 ta’ Mejju 1999 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dottor Henry Antoncich u il-Prokuratur Legali Pauline Mallia, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw r-risposta ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw ma l-assenti minnhom rapprezentata;

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati Dottor Henry Antoncich u il-Prokuratur Legali Pauline Mallia;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi f'din il-kawza xehdet biss l-attrici illi qalet illi meta kellha dsatax il-sena kellha tarbija minghand persuna ohra, illi diga kellha sena. Hija kienet tbaghti bil-vizzju tad-droga u kellha l-problema biex issib il-flus f'idejha biex tixtri d-droga u ghalhekk meta iltaqghet mal-konvenut ta' nazzjonalita Gharbija, u rat illi dan kien dispost ihallasha is-somma ta' elf lira Maltin biex jizzewwigha sabiex b'hekk jakkwista ic-cittadinanza Maltija, l-attrici accettat illi tizzewgu. L-attrici spjegat illi iltaqghet mal-konvenut tramite persuna li kienet qaltilha li l-konvenut kien lest ihallasha is-somma ta' elf lira jekk tizzewgu u din il-persuna kienet qaltilha li setghet iggibilha l-annulament taz-zwieg. L-attrici xehdet illi iltaqghet mal-konvenut il-Belt u talbitu il-flus minn qabel, izda il-konvenut irrifjuta li jaghtihomha. Dakinhar stess baqghu sejrin ir-registru taz-zwigijiet il-Belt u ghamlu it-tnidijiet u iffissaw id-data taz-zwieg ghad-29 ta' Mejju 1999. Il-konvenuta xehdet illi regghet iltaqghet mal-konvenut dakinhar taz-zwieg, umbaghad ma ratux iktar, sabiex b'hekk iltaqghet mieghu f'hajjitha kollha ghal darbtejn biss. L-attrici xehdet illi wara li izzewgu, hija baqghet sejra dritt id-dar u qatt ma kellha x'taqsam sesswalment mal-konvenut u ma qalet lill-ginituri taghha b'xejn. L-attrici kompliet tixhed illi ma ghandhiex ideja fejn jinsab il-konvenut, izda darba minnhom kienu gew ikellmuha il-pulizija u qalulha li kien gie arrestat minhabba xi flus foloz. L-attrici kompliet tixhed illi wara li kienu izzewgu, il-konvenut hallasha mal-ewwel is-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000). Minn dakinhar ma ratux aktar u ma ghandhiex ideja fejn jinsab peress illi ma ikkomunika maghha bl-ebda mod. L-attrici xehdet illi z-zwieg taghha qatt ma gie ikkunstmat. Xi snin wara li izzewget lill-konvenut, irceviet ittra mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali fejn infurmawha li

ma kienux ser jaghtuha aktar relief peress li kienet mizzewga u ghalhekk kellha tghid lill-genituri taghha sabiex jghinuha huma finanzjarjament u ghalhekk kellha tghidilhom fl-istorja kollha. L-attrici kompliet tixhed illi binha ghadu sallum ma jafx illi hija kienet izzewget lill-konvenut u tispera illi qatt ma isir jaf ghaliex ghaliha dak li ghamlet hija xi haga tal-misthija.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tablet illi z-zwieg taghha jigi dikjarat null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u minghajr effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-attrici tikkontendi illi l-kunsens kien vizzjat b'simulazzjoni u il-Qorti f'dan ir-rigward rat l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.**

**Illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subartikolu il-Qrati taghna dejjem ikkontendew illi l-esklussjoni posittiva ghaz-zwieg ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens, u f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona deciza fid-9 ta Marzu 2000.**

**Illi l-Qorti rat mill-provi prodotti, illi gie ippruvat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat peress illi kien hemm simulazzjoni totali miz-zewg partijiet u cioe' eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.**

**Illi fil-kawza fl-ismijiet Bonnici vs Bonnici deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Lulju 1982, il-Qorti kienet qalet li biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi oppruvat il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.**

**Illi ghar-rigward ta’ simulazzjoni parzjali u cioe’ l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied fost ohrajn. (Vide sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid- 9 ta’ Ottubru, 1990.)**

**Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-‘consortium vitae’ tikkomprendi zewg elementi u cioe’ l-imhabba konjugali u r-responsabilita’ tal-familja.  Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet Magri vs Magri deciza fl-14 ta’ Lulju 1994 “jekk din il-consortium vitae hija nieqsa l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes.  Din il-consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta tal-familja”.**

**Illi fil-fatt l-element tal-indissolubbilta’ taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta u formazzjoni tal-familja.  Il-ligi Maltija tippresupponi ‘iuris tantum’ dan l-element ta’ indissolubbilta fiz-zwieg.**
**Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Walshi ,moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu 1995, il-Qorti spjegat  xi tfisser li jkun hemm eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu bhala meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.**

**Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs Borg Grech moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Awissu, 1995, il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem :**
**"Ghal min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg, ikun qed jissimula il-kunsens tieghu."**

Illi l-kaz odjern huwa kaz car ta' simulazzjoni totali kemm minn naha tal-attrici, kif ukoll minn naha tal-konvenut. L-attrici izzewget biss sabiex takkwista is-somma ta' elf lira Maltin sabiex tkun tista tixtri id-droga u il-konvenut izzewweg biss sabiex jakkwista ic-cittadinanza Maltija.

Illi ghalhekk irrizulta illi minkejja il-fatt illi kemm l-attrici, kif ukoll il-konvenut, esternament qalu illi riedu jizzewgu, internament kienu qeghdin jeskludu iz-zwieg b'att dirett tal-volonta taghhom, att posittiv tal-volta taghhom illi permezz tieghu internament ma tawx il-kunsens taghhom ghaz-zwieg.

Illi gie ippruvat illi kemm l-attrici, kif ukoll il-konvenut, eskludew il-finis operis taz-zwieg, minkejja il-fatt illi formalment sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Iz-zewg partijiet certament eskludew kemm il-komunjoni tal-hajja mizzewga, kemm l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, kemm id-dritt ghal fedelta, kif ukoll id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied.

Illi la kien hemm l-imhabba konjugali u lanqas ir-responsabbilta tal-familja. Effettivament dak illi ghamlu kien illi ghaddew minn formalita ta' celebrazzjoni taz-zwieg u telqu ghal rashom minghajr qatt aktar ma iltaqghu ma xulxin, jew ghamlu xi kuntatt b'xi mod ma xulxin.

Illi fi ftit kliem dan kien zwieg farsa illi qatt ma ezista.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddikjara dan iz-zwieg null mhux a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d), izda a bazi tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talba attrici u tiddikjara illi iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------